14 ta' Diċembru, 1949.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Paul Pisani et. *versus* Carmelo J. Mallia ne.

**Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra — Appell — Terminu — Art. 24 ta' l-Ordinanza III tal-1943.**

*L-appell illi l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra tagħti minn deċiżjoni tal-Kummissarju għal dawk il-ħsarat, fis-sens li hija tagħmel jew ma tagħmelx ħlas jew dwar għadd proporzjonat ta' ħlas, għandu jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dak in-nhar li tingħata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Dan it-terminu jibda jgħaddi minn meta l-Kummissjoni tkun tat id-deċiżjoni tagħha dwar il-likwidazzjoni finali tal-kumpens u dik d-deċiżjoni tasal għal konjizzjoni ta' min għamel it-talba.*

*Jekk il-persuna interessata terġa' titlob lill-Kummissjoni biex tirrivedi dik id-deċiżjoni, u l-Kummissjoni twieġeb illi tirrofta dik it-talba, ma jistax jippretendi li t-terminu ta' sitt ijiem għandu jibda jgħodd minn meta l-Kummissjoni tgħarrfu b'dan ir-rifjut tagħha.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Paul Pisani u Salvatore Ellul, A. & C.E., fejn wara li esponew li l-esponent għamel diversi "claims" (file No. 2208, 2209, 2210, 2211, 2212, 2213, 1187/32) quddiem il-War Damage Commission rigward il-postijiet nri. 16, 19, 18, 17, 20 u 21 Corradino Road, Pawla, u dina l-kummissjoni illikwidatlu l-kumpens indikat u speċifikat fl-anness dokument "A"; li l-esponent, b'ittra tas-7 ta' Lulju 1949 (dok. "B"), per mezz tal-perit tiegħu, ikkontesta l-partiti hemm indikati u talab xi spjegazzjonijiet li ma ġewx ġustifikati fil-likwidazzjoni tal-"claims" fuq imsemmija; li b'ittra tat-12 ta' Settembru 1949 il-Kummissjoni, mingħajr ma tat ebda spjegazzjoni għall-partiti kontestati mir-rikorrent, qalet li ma għandha ebda raġuni biex iżżid il-likwidazzjoni li kienet għamlet preċedentement (dok. "C"); li a tenur taddispożizzjoni ta' l-art. 24 (6) ta' l-Ordinanza III tal-1943, l-esponent, skond il-kweżiti li ssottometta lill-Kummissjoni, huwa

intitolat jappella mid-deċiżjoni finali tagħha, għaliex iħoss u aggravat f'mod partikulari dwar l-infraskritti kwistjonijiet legali li ġew ommessi jew applikati ħażin:— (a) Il-Kummissjoni ddiżapprovat il-ħxuna tal-ħajt doblu............; li fl-aħħarnett l-esponent talab lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-kumpens mnnnha likwidat dwar diversi partiti, iżda inutilment, avvolja l-Kummissjoni hija tenuta tiġġustifika l-likwidazzjoni tal-kumpens għal kull partita, biex il-parti interessata tkun tista' tikkontrolla fuq l-iskorta tax-"Schedule of Works" l-ommissjonijiet jew l-iżbalji li jkunu saru a kariku tagħha; talbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq riferita, limitatament għall-aggravji elenkati f'dan ir-rikors, u tagħti l-provvedimenti, okkorrendo anki per mezz tan-nomina ta' perit, biex il-likwidazzjoni tal-kumpens għax-xogħlijiet u ta' l-onorarju tal-perit Ellul fuq imsemmija jiġu likwidati skond il-liġi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Irrilevat li mid-dokumenti eżibiti jirriżulta li r-rikorrent Pisani għamel il-"claim" tiegħu quddiem il-Kummissjoni tal-Hsarat tal-Gwerra, u dina għamlet il-likwidazzjoni; iżda peress li dik il-likwidazzjoni ma ssodisfatx lir-rikorrent, dana per mezz ta' l-arkitett tiegħu kiteb lil dik il-Kummissjoni fid-data tas-27 ta' April 1949, fejn talab xi emendi ta' dik il-likwidazzjoni, u l-Kummissjoni weġbitu b'ittra tal-21 ta' Ġunju 1949, fejn għarrfitu li kien saret ir-reviżjoni tal-likwidazzjoni fis-sens imsemmi fl-istess ittra tagħha. Għal din l-aħħar likwidazzjoni riveduta r-rikorrenti reġgħu kitbu lill-Kummissjoni fid-data tas-7 ta' Lulju 1949 fejn talbu reviżjoni oħra; iżda l-Kummissjoni, b'ittra tas-Segretarju tagħha tat-12 ta' Settembru 1949, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u rrifjutat li żżid iżjed l-ammont fissat fl-ittra tal-21 ta' Ġunju 1949. Fuq din l-aħħar ittra r-rikorrenti appellaw quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni ta' dik il-Kummissjoni;

Ikkunsidrat li skond l-art. 24 (1) (b) ta' l-Ordinanza III tal-1943 (Ordinanza dwar il-Hsarat tal-Gwerra), "jista' jsir appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu minn deċiżjoni tal-Kummissjoni taħt dik it-taqsima ta' artikolu, li

tagħmel jew ma tagħmelx ħlas taħt dik it-taqsima lil xi wieħed li jagħmel talba, jew dwar għadd proporzjonat ta' ħlas bħal dan, fuq it-talba ta' dak li jkun talab il-ħlas jew ta' xi ħadd illi b'dik id-deċiżjoni jista' jkun miċħud minn somma illi kieku xort'oħra jkun imissha titħallas lilu. Dan l-appell għandu jsir b'rikors fi żmien sitt ijiem tax-xogħol minn dak in-nhar li tingħata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni". Evidentement dak it-terminu ta' sitt ijiem għandhom jibdew minn meta d-deċiżjoni tiġi kommunikata lil dak li tirrigwardah, peress li qabel dak in-nhar mhux possibili li huwa jkun jaf li itieħdet, u kif ittieħdet, id-deċiżjoni mill-Kummissjoni;

Iżda r-rikorrenti jippretendi li t-terminu beda mhux qabel l-aħħar ittra tas-Segretarju tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 1949, li biha ġie mgħarraf li l-Kummissjoni rruftat li tirrivedi d-deċiżjoni tagħha. Fil-fehma tal-Qorti dik it-teżi tar-rikorrent mhix sostenibili; għaliex, għalkemm xejn ma jimpedixxi lill-Kummissjoni li tirrivedi l-likwidazzjoni wara li tkun ġa ħadet deċiżjoni, meta tara li ħadet żball evidenti, il-liġi, biex tiffaċilita l-likwidazzjoni tal-pendenzi, tirrestrinġi espressament għal sitt ijiem it-terminu mogħti liċ-ċittadin biex jappella mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Li kieku t-terminu kellu jibda jgħaddi minn meta l-Kummissjoni tiddeċidi li tirrifjuta li tirrivedi d-deċiżjoni tagħha, kieku dak it-terminu ta' sitt ijiem ikun jista' jiġi prolungat għal ħafna żmien, differenti għad-diversi każi. U dana ċertament il-liġi ma tridux, għax joqtol l-iskop evidenti tagħha. Il-fatt li l-Kummissjoni f'diversi każi, skond ma jallegaw ir-rikorrenti, irrivediet id-deċiżjoni tagħha fuq reklam ta' min kien għamel il-"claim", xejn ma jbiddel mill-pożizzjoni stabbilita mil-liġi rigward it-terminu u t-te'fa tad-dritt għall-appell wara għeluq iż-żmien; għax altru huwa dritt tal-Kummissjoni li "ex gratia" tirrivedi d-deċiżjoni tagħha. u altru huwa dritt taċ-ċittadin li jimponilha reviżjoni ġudizzjarja wara għeluq it-terminu ta' l-appell. U tabilħaqq, biċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti li tirrivedi d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni ma tat ebda provvediment jew deċiżjoni ġdida, u xejn ma biddlet minn dak li ddeċidiet qabel; iżda ħalliet kollox kif kien u kif iddeċidietu qabel, u

għalhekk ħalliet lir-rikorrenti fil-pożizzjoni ġuridika li fiha kienu jinsabu qabel ma għamlu r-reklam għar-reviżjoni ġdida. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex għalfejn tissospendi d-definizzjoni ta' l-appell biex ir-rikorrenti jressqu l-provi ġodda fuq ir-reviżjonijiet li l-Kummissjoni setgħet għamlet wara d-deċiżjonijiet tagħha f'każi oħra;

Ikkunsidrat li, peress li t-termnu ta' sitt ijiem bdew mill-ittra tal-21 ta' Ġunju 1949, li stabbiliet il-likwidazzjoni finali skond id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. meta r-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors għall-appell quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Settembru 1949, it-terminu kien ġa ilu ħafna li għalaq, u għalhekk l-appell ma setax iżjed isir. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fil-meritu ta' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn ta' l-intimat;

Għal dawn ir-raġunijiet, prevja ċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni tad-definizzjoni tal-kawża biex isiru l-provi l-ġodda fuq imsemmija, il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tad-dekorrenza tat-terminu opposta mill-intimat, u għalhekk tiddikjara irritu u null l-appell interpost mir-rikorrenti bir-rikors tagħhom mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ħsarat tal-Gwerra fuq imsemmija; bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.